# Ir-Raħħala Mostija u l-Madonna ta' l-Isperanza



Kitba ta' Anthony CAMILLERI B.A. (Hons.), Dip. Ed. (Admin. & Mgmt.) (1946 - 2001)

Ma kinitx l-ewwel darba li Marija Grazzja marret tirgħa n-ngħag m'omma fl-inħawi tal-Biżbiżija. F'dik il-ġurnata li kellha tibqa' tiftakarha għomorha kollu, madankollu, ommha ħtieġilha tmur sal-qalba tar-raħal. Ma marritx qabel ħalliet lil bintha tmur bil-merħla.

Mill-Biżbiżija lejn it-tliet irħula u lil 'hinn, jiġifieri lejn in-Naxxar u d-dawra tal-qaliet ta' San Pawl il-Baħar u bejn l-Imġarr, il-panorama kienet thennik bi ġmielha. Għelieqi u ħaxix, siġar u aħdar kullimkien. Tabilħaqq kienet dehra li min jaf kemm ilha l-aħħar xemx li niżlet minn fuqha qabel inqerdet!

Iż-żwiemel u l-karettuni kienu għaddejjin fi triqithom mill-Imdina fuq ix-xaqliba l-oħra tal-wied fejn kien hemm il-knisja parrokkjali ddedikata lit-tlugħ ta' Sidtna Marija fis-Sema. In-naħa tagħha lanqas ruħ ma kienet tidher. Kien hemm l-għana ta' l-għasafar, il-friefet jaqbżu minn fjura għall-oħra jsoffu n-nektar u xi fenek selvaġġ jirgħa fuq il-ħaxix bnin u tari.

Marija Grazzja dehrilha li semgħet ħoss 'il bogħod, qisu azzar jaħbat ma' azzar. Qamet bil-wieqfa, tawlet għonqha u nħasdet il-ħasda ta' ħajjitha.

"Kursari! Madonna tas-Sema u ta' l-art", temtmet, wiċċha isfar lellux. X'irid ikun! Niġri b'kemm għandi saħħa. Il-Madonna tagħtini grazzja neħles minn dwiefirhom. Imma biex inpattilha?



*L-Għar f'Wied il-Għasel li daħlet tiskenn fih 'Marija Grazzja'.*

Il-kursari ma damux ma ndunaw bil-priża li nzertat fil-mogħdija tagħhom. Issa rawha tiġri. Ma tilfux żmien. Jekk kienet tfajla sbejħa kienet iġġibilhom il-flus fis-suq ta' l-ilsiera. Jekk tkun xi waħda barra minn hawn jagħtuha lill-Bej bħala rigal u dan forsi jitħajjar jingħoġob mas-sultan billi joffrihielu. F'każ li ma kienet tgħid xejn, iġġibx ħaqq ġimgħa xogħol?

Marija Grazzja rduppjat il-pass. Il-kursari bdew iħaffu iżjed. Min kien jarahom mill-bogħod setgħa jinduna li l-kursari ta' Barbarija kienu qegħdin ilaħħqu magħha aktar kemm jgħaddi l- ħin. Marija Grazzja waslet f'niżla, niżla fonda, in-niżla li tniżżlek fil-wied. In-naħa l-oħra rat l-għar li tant kienet iżżur.

"Madonna tat-Tama'', lissnet baxx baxx hekk kif għajnejha koħol żerżqu żewġ demgħat. Daħlet tiġri fl-għar, għar imdawwar b'ħafna ħaxix, l-iżjed b'tursin il-bir. Tbikkmet. Iżda wara ftit rat brimba li bdiet taħdem għanqbuta bi bżulija u għaqal liema bħalhom. Marija Grazzja ntebħet li dak kien star tassew prezzjuż u jiswa aktar mid-deheb ijiet tal-Gran Mastru.

L-ilħna goffi u raffi tal-kursara bdew joqorbu. Niżlu fil-wied u qasmu għan-naħa l-oħra. Il-kbir fosthom stagħġeb kif lit-tfajla ma sabuhiex. Kien għad fadal ħotba art miksija kważi kollha bit-tursin il-bir. Ftit basru kemm delikatezza, għaqal u segretezza dak it-tursin il-bir kien qed jostor f'Marija Grazzja!

"Hawn m'hawn xejn!' nafar il-furban tat-turbant.

"Ipprova hemm! " qal tal-misluta tonda tonda.

"M'intix tara li hemm ħadd ma seta' daħal?" wieġeb il-kap tal-kursari. "Dik l-għanqbuta għadha sħiħa bħal x'ħin inħadmet."

Telqu mnejn ġew għax beżgħu li xi ħadd rahom u ta l-allarm lill-kavallerija ta' l-Imdina. Ma riedux jispiċċaw huma fil-jasar ta' Malta wara li fallielhom il-kolp tagħhom. Meta Marija Grazzja kienet kuta u l-kursari tbiegħdu lejn mnejn ġew, ħarġet u ġriet lejn raħalha l-Mosta biex tirrakkonta l-ħelsien tagħha u tfaħħar lil Omm it-Tama, dik id-Dama ħanina ta' fama ċelesti.

"Ma, nixtieq li fuq l-għar nibni knisja tal-kampanja. Hekk wegħidtha lill-Madonna x'ħin mistoħbija fl-għar



*Il-Kappella tal-Madonna ta' l-Isperanza li nbniet mill-familja ta' 'Marija Grazzja'.*

smajt leħen il-kursari kważi ma' widnejja u l-għaraq xaqq għalija".

Il-familja ta' Marija Grazzja ħadet ħsieb biex issisti ħalli tinbena l-knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza b'ħafna ġbir ta' flus fil-Mosta u saħansitra ġabru anke fil-Belt Valletta mingħand dawk il-Maltin devoti tal-Madonna. Ix-xogħol tlesta fl-1761.

*"Int Madonna ta' kull grazzja,*
*Mertu tiegħek jekk jiena ħlist,*
*Mill-għajb u l-jasar u l-inkwiet,*
*U l-għażiża ommi rġajt bist."*

28 ta' Frar, 2001 - Ras ir-Randan.

Ċertament li din hija oħra mill-aħħar kitbiet tal-mibki iżda qatt minsi, Anthony Camilleri, qabel ħalliena fl-4 ta' Mejju, 2001. Nirringrazzja b'mod speċjali lil ħuh Joe talli ġentilment għaddieli diversi kitbiet oħra mill-pinna eċċellenti ta' Tony - li sa fl-aħħar il-Mosta rrikonoxxiet il-ġieħ li jisthoqqlu. Dan ġara fis-16 ta' Settembru 2004, meta Joe rċieva l-onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' f'isem ħuh. Aħjar tard inkella qatt!!

